23 ta' Ġunju, 1952

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President* ;

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci LL.D. ;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Alfredo Tonna *versus* Emmanuele Vella et. (*)

**Sentenza — Nullità — Trasfużjoni tal-Ġudizzju.**

*Sentenza li tiġi mogħtija kontra konvenut li jkun miet fil-pendenza tal-kawża, mingħajr ma tkun saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju hija nulla, jekk, meta miet dak il-konvenut il-kawża ma tkunx għadha waslet fi stat li tista' tiġi deċiża.*

*Imma l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza f'dawn il-każi ma hix assoluta, imma biss relativa (ħlief fil-każ ta' diviżjoni); jiġifieri, tista' tiġi mogħtija biss mill-persuna li għandha l-istess interess li kellha l-persuna li mietet.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li ppremetta li b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-4 ta' Ġunju 1948, fil-kawża "Emmanuele Vella et. vs. Alfred Tonna" (ċitaz. nru. 233/1946), ipprovdiet illi fi żmien għaxart ijiem huwa, li kien l-appellant f'dik il-kawża, kellu jimpunja, jekk ried, l-iskrittura fil-fol. 13 tal-proċess, li minnha jidher li huwa ikkostitwixxa ruħu debitur versu l-konvenuti fis-somma ta' £350 li kien ħa minn għandhom b'titolu ta' mutwu "brevi manu", u li obbliga ruħu li jħallas b'rati ta' £8 fix-xahar mingħajr imgħax, u jibda jħallas fil-15 ta' Lulju 1942, bid-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu fil-każ ta' morożità fil-ħlas ta' tliet pagamenti jew ta' ammont ekwivalenti; u li huwa ħallas dak in-nhar is-somma ta' £50 akkont, u għalhekk il-bilanċ jibqa' ta' £300; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmija skrittura hija simulata, billi s-self fiha ndikat ma sarx, u billi ngħamlet għal raġunijiet oħra differenti minn dik li hemm fl-istess skrittura; u konsegwentement tiġi dikjarata nulla dik l-istess skrittura u ta' ebda effett għal kull raġuni valida fil-liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, fejn issottomettew illi għall-pretensjoni ta' l-attur hija ta' ostakolu l-preskrizzjoni ta' sentejn, fil-każ li huwa jippretendi li l-obligazzjoni hija mingħajr kawża (art. 1266 Kod. Ċiv.), jew ta' ħames snin, fil-każ li jippretendi li l-motiv ta' l-azzjoni ta' rexissjoni huwa bażat fuq kawżi oħrajn mhux kontemplati fl-art. 1268 tal-Kodiċi ċitat; illi, fil-meritu, ir-ratifika taċita ta' l-attur hija ta' ostakolu għat-talba tiegħu, peress li huwa volontarjament eżegwixxa l-obligazzjoni, għaliex ħallas diversi akkonti (art. 1273 Kod. ċitat);

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Ġunju 1951, li biha rrespinġiet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

---

(*) Deċiża definitivament fis-27 ta' April 1953 (Appell Ċivili).

Illi l-konvenuti kienu għamlu kawża lill-attur (ċitaz. nru. 1/42) għall-pagament tas-somma ta' £350, in forza ta' skrittura privata in data 27 ta' Frar 1942, prevja d-dikjarazzjoni ud-dekadenza mit-terminu. Dik il-kawża ġiet transatta permezz ta' skrittura tat-23 ta' Ġunju 1942, li hija appuntu dik li l-attur jattakka b'nullità minħabba simulazzjoni, billi jgħid li dak is-self indikat f'dik l-iskrittura ma sarx, u hija ngħamlet għar-raġuni li aktar il-quddiem tiġi indikata. Minn dik l-iskrittura jidher li l-attur ikkostitwixxa ruħu debitur tal-konvenuti............., u li huwa ħallas dak in-nhar is-somma ta' £50 akkont, u għalhekk baqa' bilanċ ta' £300;

Illi in forza ta' l-imsemmija skrittura ta' transazzjoni, il-konvenuti għamlu kawża lill-attur għall-pagament ta' £267 lilhom dovuti bħala bilanċ, u dik il-kawża ġiet deċiża fis-27 ta' Ġunju 1947 b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha ġiet milqugħa t-talba tal-konvenuti (atturi f'dik il-kawża), bl-ispejjeż. Minn dik is-sentenza l-attur (konvenut fl-imsemmija kawża) interpona appell, fejn issolleva l-kwistjoni tas-simulazzjoni fuq aċċennata; u l-*Qorti ta' l-Appell* assenjatlu terminu sabiex jimpunja l-validità tagħha; u għalhekk huwa adixxa din il-Qorti għall-impunjazzjoni *ta'* dik l-iskrittura;

Illi l-attur jippretendi li ma għandu jagħti xejn lill-konvenuti, għaliex l-ammont li "prima facie" jidher li għandu jagħtihom skond l-imsemmija skrittura, li tagħha qiegħed jitlob l-annullament, kien oriġinarjament debitu tiegħu lejn Carmela Aquilina, li skond delegazzjoni ta' l-istess Carmela Aquilina kellu mbagħad iħallas lil Giuseppa Bonello, u dina Bonello, billi kien hemm il-possibilità ta' mandati ta' *sekwestru* kontra tagħha, ftehmet ma' l-attur li jħallas l-ammont ta' £350 mhux lilha, imma lill-konvenuti (il-konvenuta Angela Vella hija bintha);

Illi mill-perizja jirriżulta li l-konvenuti ma silfux flus lill-attur fl-okkażjoni li fiha saret l-impunjata skrittura; iżda, kif tajjeb issottometta l-perit, dan il-fatt fih innifsu ma jwassalx għalbiex jannulla l-iskrittura, għaliex "jekk il-kawża espressa tkun falsa, il-ftehim b'dana kollu jinżamm sħiħ, kemm il-darba jiġi pruvat li kien hemm kawża oħra" (art. 1032 Kod. Ċiv.). Issa jirriżulta mill-istess perizja illi almenu għas-som-

ma ta' £150, hemm bażi ta' vera kawżali, billi dawn kienu dovuti mill-ewwel lill-konvenut Emmanuele Vella aktar minn lil martu Angela, kif jidher mill-imsemmija skrittura tas-27 ta' Frar 1942, u magħhom ġew akkumulati xi ammonti oħra li kienu dovuti lill-konvenuti konjuġi Vella flimkien. Inoltri, billi l-iskrittura li qiegħda tiġi attakkata, għalkemm hija prinċipalment kostituzzjoni ta' dejn ta' l-attur favur il-konvenuti minħabba self "brevi manu", l-istess skrittura hija wkoll transazzjoni, għaliex saret sabiex tiġi ċeduta l-kawża fuq imsemmija, u għalhekk dak li jidher dovut minħabba self "brevi manu" jiġi li huwa dovut in forza ta' dik it-transazzjoni. Fl-aħħarnett, mill-perizja jirriżulta li l-attur aċċetta t-termini ta' l-iskrittura, u ħallas anki akkonti; u allura, wara li ta eżekuzzjoni parzjali, anzi, skond l-eċċezzjoni li ta fil-kawża "Vella vs. Tonna", totali tagħha, ma jistax jakkampa n-nullità ta' dik l-istess skrittura minħabba simulazzjoni;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur;

Rat il-petizzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Fuq l-inċident tan-nullità tas-sentenza appellata, sollevat mill-appellant fil-kors tad-dibattitu quddiem din il-Qorti (apparti l-motivi ta' l-appell indikati fil-petizzjoni tiegħu), ikkunsidrat;

L-appellant ipproduċa bin-nota tiegħu tat-28 ta' Mejju 1952 kopja uffiċjali ta' l-att tal-mewt tal-konvenuta Angela Vella, minnejn jirriżulta li din mietet fis-27 ta' April 1950, żmien qabel ma ġiet mogħtija s-sentenza appellata, ċjoè qabel it-30 ta' Ġunju 1951. Għalhekk hu jgħid li, ġa ladarba ma kienx hemm, għal dak li kien jirrigwarda lil din Vella, kontradittur leġittimu, għalhekk is-sentenza hija nulla;

Il-Kodiċi Malti ma għandux — għad-differenza tal-Kodiċi Franċiż u Taljan — dispożizzjonijiet partikulari dwar dik li fid-Dritt Ruman kienet tissejjaħ "Translatio Judicii", u hemm biss id-dispożizzjonijiet ta' l-art. 809 et seq. Kap. 15, dwar it-trasfużjoni tal-ġudizzju "pendente lite". Il-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, però, issuppliet bid-deċiżjonijiet tagħha, bażati fuq l-insenjamenti dottrinali;

Wieħed mill-insenjamenti akkolti minn din il-Qorti hu dak tal-Mattirolo (ara sent. "Serra vs. Serra" 10. 6. 25, Vol. XXVI—I—176), li għall-fiinijiet tad-deċiżjoni ta' inċident simili jiddistingwi tliet stadji: l-istadju qabel ma jiġi kostitwit il-ġudizzju, l-istadju qabel ma l-kawża tkun fi stat li tista' tiġi maqtugħa, u l-istadju li fih il-kawża hi fi stat li tista' tiġi maqtugħa. U din il-Qorti ġiet għall-konklużjoni, paċifikament akkolta mid-dottrina, li *l-event tal-mewt ta' waħda mill-partijiet meta l-kawża tkun diġà fi stat li tista' tiġi deċiża ma jġib ebda effett; u appoġġjat din il-konklużjoni tagħha fuq ir-raġuni, indikata mill-Mortara, illi f'każ simili, peress li jkun jonqos biss l-operat ta' l-awtorità ġudizzjarja, għalhekk ma jistax ikun hemm preġudizzju. Fl-istadji l-oħra l-event għandu jkollu* l-effikaċja tiegħu (ara wkoll App. "Callus vs. Psaila", 21. 11. 32, XXVIII—I—732). Issa f'dan il-każ, meta mietet il-konvenuta Angela Vella, ċjoè fis-27 ta' April 1950, il-kawża kienet għadha miexja quddiem il-perit legali, u għalhekk bl-ebda mod ma jista' jingħad li kienet *fi stat li tista'* tiġi deċiża (ara verbal fol. 20);

Għalhekk, kieku r-raġunament tal-Qorti kellu jieqaf hawn, l-appellant kien ikollu raġun;

Iżda hemm punt illi eċċezzjoni simili ma hijiex assoluta, imma relativa. Ġie infatti ritenut minn din il-Qorti, fil-kawża "Pace vs. Camilleri", 4 ta' Ġunju 1923, fuq l-insenjament dottrinali kważi unanimi, b'ċitazzjoni tal-Carrè u tal-Mattirolo, illi din l-eċċezzjoni (ħlief fil-każ ta' diviżjoni) tmiss biss lill-persuna li għandha l-istess interess li kellha l-persuna l-mejta. Anki qabel din is-sentenza, din il-Qorti, fil-kawża "Bonnici utrinque", 8 ta' Novembru 1909, kienet qalet, *għappropożitu ta' dina l-eċċezzjoni*, illi "*non era di ordine pubblico, ma accordata unicamente agli eredi e successori del contendente morto..........*" *U jidher* loġiku li jkun hekk; għaliex, jekk il-bażi ta' *l-eċċezzjoni hi*, kif indubbjament hija, il-preġudizzju li jista' jkollu *l-interess* tal-persuna mejta meta din ma tkunx tista' aktar tiddefendi l-interessi tagħha, għalhekk l-eċċezzjoni għandha tmiss biss lil dawk li fihom ikun għadda l-interess li seta' jiġi preġudikat;

Issa, f'dan il-każ l-eċċezzjoni ġiet sollevata mill-attur, li għandu interess oppost għal dak tal-persuna mejta;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiddikjara li l-eċċezzjoni ma tmissx lill-attur, u konsegwentement tiċħadha;

In kwantu għall-ispejjeż, peress li minn naħa waħda l-kwistjoni ma hix ġdida, u l-attur seta' għalhekk jirregola ruħu, u peress li min-naħa l-oħra l-konvenut Emmanuele Vella, li fih il-lum ġie trasfuż il-ġudizzju, kien imissu ħaseb qabel biex jilleġittima l-attijiet malli mietet martu, għalhekk tordna li dawn jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru bin-nofs;

U tordna li l-appell jissokta.